MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-30 ta' April, 2025

Appell Inferjuri Numru 47/2024 LM

**Michael Cacciattolo (K.I. nru. 88060M)**
*('l-appellat')*

***vs*.**

**OZO Services Limited (C 94420)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **OZO Services Limited (C 94420)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'] mid-deċiżjoni mogħtija fil-21 ta' Mejju, 2024, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fl-ismijiet fuq premessi, li ddeċieda t-talbiet tar-rikorrent **Michael Cacciattolo (K.I. nru. 88060M)**[minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] kontra tagħha, kif ġej:

> *"Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-i*statements of case *tal-partijiet, sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u ppreżentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet, isib u jasal għal konklużjoni u jiddeċiedi, li r-rikorrenti ma kellux smigħ xieraq b'konsegwenza li ġie miksur id-dritt fundamentali tiegħu tal-ġustizzja naturali u għaldaqstant it-terminazzjoni tal-impjieg kienet inġusta u saret bi ksur tal-liġi.*
>
> *....*
>
> *In vista ta' dan it-Tribunal Industrijali jinnota, li r-rikorrent kien ġie sospiż b'nofs paga mis-16 ta' Ġunju, 2022 u l-impjieg tiegħu ġie tterminat fit-23 ta' Lulju, 2022.*
>
> *It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li kif jgħid ir-rikorrenti dam mingħajr impjieg għal xahar u hawn it-Tribunal Industrijali jinnota li ż-żmien li r-rikorrenti kien mingħajr impjieg għal żmien ta' xahar huwa żmien raġonevoli.*
>
> *It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li r-rikorrenti kien ilu fl-impjieg għal aktar minn erba' snin u kif ukoll li t-terminazzoni tal-impjieg tar-rikorrenti saret b'mod inġust u bi ksur tal-liġi.*
>
> *Għaldaqstant, meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra dawn l-aspetti tal-każ imsemmija hawn fuq jasal għal konklużjoni u jiddeċiedi, li r-rikorrenti għandu jingħata kumpens ta' €8,250 (tmint elef, mitejn u ħamsin euro) liema kumpens għandu jitħallas minn OZO Services Ltd (C-94420) fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data ta' din id-deċiżjoni."*

## **<u>Fatti</u>**

2. Dan il-każ jikkonċerna t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg li kellu mas-soċjetà intimata.

## **<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrent istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal, fejn spjega li huwa kien ġie ingaġġat mis-soċjetà intimata fuq bażi *full-time,* b'kuntratt ta' xogħol indefinit, u huwa kien ġie *deployed* fl-impjant tal-Wasteserv sabiex jaqdi dmirijietu bħala *security.* Spjega li tul l-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata,

huwa dejjem qeda dmiru b'mod professjonali u skont l-istruzzjonijiet li ngħata. Ir-rikorrent qal li fil-15 ta' Ġunju, 2022 seħħ ħruq ġewwa l-impjant tal-Wasteserv fejn huwa kien stazzjonat, u d-diriġenti tal-Wasteserv dehrilhom li r-rikorrent kien negliġenti waqt il-qadi ta' dmirijietu. Ir-rikorrent ġie sospiż mill-impjieg fis-16 ta' Ġunju, 2022, u ġie infurmat li kien qiegħed jiġi sospiż mill-impjieg b'nofs paga, u dan sakemm tiġi konkluża l-investigazzjoni li saret fil-konfront tiegħu. Ir-rikorrent qal li huwa baqa' sospiż mix-xogħol. Ir-rikorrent qal li wara li ntemmu l-investigazzjonijiet, inbeda proċess dixxiplinarju fil-konfront tiegħu, fejn anki nħarġu għadd ta' akkużi kontra tiegħu. Qal li dan il-proċess dixxiplinarju kien karatterizzat minn diżgwid bejn is-soċjetà intimata u l-union li kienet qiegħda tirrappreżentah, u l-proċess dixxiplinarju kien ivvizzjat kollu kemm hu, hekk kif ir-rikorrent lanqas biss kien preżenti għas-smigħ dixxiplinarju li sar, u għalhekk huwa ġie mċaħħad minn smigħ xieraq. Ir-rikorrent qal li f'laqgħa li saret fit-8 ta' Lulju, 2022 fl-assenza tiegħu, huwa nstab ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu, u permezz ta' ittra datata l-15 ta' Lulju, 2022, huwa ġie infurmat li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat. Qal li huwa intavola appell minn din id-deċiżjoni, bl-assistenza tal-union, fejn ġie sottolineat li s-soċjetà intimata kienet kisret diversi klawsoli tal-ftehim kollettiv, fosthom li l-bord ta' dixxiplina ma kienx kompost skont il-ftehim kollettiv. Ir-rikorrent qal li fi kwalunkwe każ għandu jirriżulta li s-soċjetà intimata kisret il-prinċipju kardinali ta' kull proċess dixxiplinarju, jiġifieri dak ta' smigħ xieraq, u għalhekk hija naqset milli tosserva l-prinċipji ta' ġustizzja naturali. Qal li anki f'każ li s-soċjetà intimata ssostni li huwa tkeċċa mill-impjieg minħabba fl-imġiba tiegħu, għandu jirriżulta li l-allegazzjonijiet fil-konfront tiegħu ma humiex gravi tant li jimmeritaw tkeċċija ħesrem mill-impjieg, mingħajr ma jingħata l-opportunità li jiddefendi ruħhu.

4. Is-soċjetà intimata wieġbet li t-tkeċċija tar-rikorrent ma kinitx waħda inġusta. Spjegat li r-rikorrent kellu kuntratt ta' impjieg regolat mir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, wara li seħħ trasferiment ta' negozju, u diversi impjegati li kienu stazzjonati fil-faċilitajiet ta' Wasteserv Malta Limited li kienu ingaġġati ma' J.F. Services Limited, inkluż ir-rikorrent, ġew trasferiti mas-soċjetà intimata bl-istess kundizzjonijiet li kellhom qabel. Is-soċjetà intimata spjegat li l-impjegati li hija ngaġġat fl-impjant tal-Wasteserv, minkejja li impjegati fuq il-kotba tagħha, huma soġġetti għad-direzzjoni u għall-awtorità tas-soċjetà Wasteserv, u s-soċjetà appellanta m'għandha l-ebda kontroll fuq l-operat tagħhom. Qalet li l-kundizzjonijiet tal-impjieg ta' dawn l-impjegati huma stabbiliti permezz ta' ftehim kollettiv bejn is-soċjetà Wasteserv u l-UĦM, u dan il-ftehim kollettiv kien ġie maqbul qabel seħħ it-trasferiment tan-negozju msemmi. Is-soċjetà intimata qalet li l-ftehim kollettiv kien ġie rikonoxxut mis-soċjetà J.F. Services Limited, u s-soċjetà appellanta kienet obbligata li tirrikonoxxi u tirrispetta dawn il-kundizzjonijiet skont il-liġijiet u r-regolamenti għat-trasferiment tan-negozju. Qalet ukoll li hija kienet marbuta b'kuntratt mas-soċjetà Wasteserv li jsegwi r-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku tal-1 ta' April, 2020, liema kuntratt jirregola kif l-impjegati tagħha għandhom ikunu stazzjonati, u kif għandhom jaqdu r-rwol tagħhom fil-faċilitajiet tas-soċjetà Wasteserv. Is-soċjetà intimata qalet li l-informazzjoni li waslitilha dwar ir-raġunijiet li wasslu għat-teħid ta' proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrent, hija serja, fosthom li r-rikorrent ingħata diversi twissijiet li ripetutament u b'mod intenzjonat kien jostakola l-*cameras* tas-sigurtà fuq il-lant tax-xogħol billi jixgħel *spotlight* fuqhom mal-lejl bil-konsegwenza li l-filmati ma kinux rikonoxxibbli, li naqas milli jirreġistra l-punti ta' kontroll bil-lejl skont l-

istruzzjonijiet li ngħata, li kkawża ħsara lill-vann tal-għassa minħabba negliġenza tiegħu, li raqad fuq il-lant tax-xogħol waqt li seħħ ħruq fis-sit tax-xogħol tiegħu, u li ripetutament naqas li jilbes is-*safety shoes* minkejja r-rwol tiegħu ta' *security.* Is-soċjetà intimata qalet li fis-17 ta' Ġunju, 2022, ir-rikorrent kien rieqed fuq il-lant tax-xogħol waqt li seħħ ħruq, u huwa qam mill-irqad meta rċieva telefonata mingħand il-*Coast Road security.* Qalet li r-rikorrent mar jittawwal mit-tieqa fl-istess ħin li għaddiet *fire engine,* u minflok qeda dmirjietu, reġa' mar bilqiegħda. Qalet li r-rikorrent ħareġ mill-bini biss meta ħabbtulu l-bieb l-uffiċjali tal-Protezzjoni Ċivili.

5. Is-soċjetà intimata spjegat li r-rikorrent ġie sospiż b'nofs paga fis-16 ta' Ġunju, 2022, sakemm ġiet konkluża l-investigazzjoni dwar dan l-inċident, peress li s-soċjetà Wasteserv irċeviet rapport dwar diversi ksur ta' regoli fuq il-post tax-xogħol min-naħa tar-rikorrent. Qalet li *ai termini* tal-ftehim kollettiv, ġew istitwiti proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrent, u bdew isiru l-arranġamenti neċessarji sabiex issir seduta tad-dixxiplina, fejn ir-rikorrent ġie akkużat b'insubordinazzjoni maġġuri, b'irqad fuq il-lant tax-xogħol, u anki li naqas li jilbes it-tagħmir tas-sigurtà. Żiedet tgħid li dak iż-żmien inħolqot problema bir-rikonoxximent tal-union, u għalhekk kien hemm problema biex jiġi kompost il-bord tad-dixxiplina, hekk kif il-UĦM baqgħet tinsisti li hija l-union li għandha d-dritt li tipparteċipa fis-smigħ quddiem il-bord tad-dixxiplina. Qalet ukoll li l-General Workers Union, li hija l-union rikonoxxuta mill-grupp ta' kumpanniji li tifforma parti minnu OZO, ukoll insistiet li hija għandha dritt li tipparteċipa f'dawn il-proċeduri. Is-soċjetà intimata qalet li min-naħa tagħha hija pproċediet bil-passi dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrent skont il-ftehim kollettiv, u l-bord tad-dixxiplina kkonkluda li l-akkużi miġjuba kontra r-rikorrent

ġew ippruvati, u ddeċieda li dan kien każ li kellu jwassal għat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent. Qalet li b'riżultat tad-deċiżjoni tal-bord tad-dixxiplina u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, hija tterminat l-impjieg tar-rikorrent b'effett mit-23 ta' Lulju, 2022. Is-soċjetà intimata qalet li r-rikorrent irrikorra għall-proċeduri quddiem it-Tribunal b'abbuż mill-għodda legali li tipprovdi l-liġi a skapitu tagħha, meta hija m'għamlet xejn ħlief li rrispettat l-obbligi imposti fuqha bil-liġi. Qalet ukoll li hija tiċħad l-allegazzjonijiet tar-rikorrent li l-impjieg tiegħu ma kienx itterminat minħabba kawża ġusta u suffiċjenti *ai termini* tal-liġi. Is-soċjetà intimata qalet ukoll li jekk it-Tribunal jgħaddi biex jilqa' t-talbiet tar-rikorrent, dan jippreġudika serjament il-jeddijiet tagħha, joħloq preċedent perikoluż b'riperkussjonijiet ta' natura kostituzzjonali, u jagħti wkoll lok għal abbuż lampanti minn impjegati fil-konfront ta' min iħaddimhom.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

6. It-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu laqa' t-talba tar-rikorrent billi dikjarat li r-rikorrent tkeċċa inġustament mill-impjieg tiegħu, stante li ma ġietx segwita l-proċedura dixxiplinarja kontemplata fil-ftehim kollettiv, u konsegwentement illikwida kumpens li għandu jitħallas lir-rikorrent fl-ammont ta' €8,250, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Mill-provi jirriżulta, li r-rikorrenti kien impjegat mas-soċjetà intimata bħala* security *u kien assenjat li jagħmel xogħol mal-kumpannija Wasteserv.*
>
> *Mill-provi jirriżulta wkoll, li għalkemm ir-rikorrenti kien impjegat mal-OZO Services Limited però l-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu huma koperti bil-Ftehim Kollettiv bejn il-Wasteserv u l-UĦM – Voice of the Workers u l-partijiet qablu li r-rikorrenti jgħaddi proċess ta' dixxiplina skont il-Ftehim Kollettiv bejn il-Wasteserv u l-UĦM – Voice of the Workers.*

*Mill-provi jirriżulta wkoll li fis-16 ta' Ġunju, 2022 ir-rikorrenti ġie nfurmat mill-Uffiċjal tar-Riżorsi Umani tal-Kumpannija OZO Services Ltd li kien qed jiġi sospiż mix-xogħol peress, li kienet qed issir investigazzjoni fil-konfront tal-imġiba tiegħu rigward nirien li kienu seħħew fil-*premises *tal-kumpannija Wasteserv.*

*Mill-provi jirriżulta li fis-17 ta' Ġunju, 2022, ir-rikorrenti ġie nfurmat li kien ser jgħaddi Bord ta' Dixxiplina u li kien akkużat:*

1 *B'insubordinazzjoni maġġuri;*
2 *Li kont rieqed waqt il-ħin tax-xogħol;*
3 *Li ma kontx liebes ilbies protettiv* (safety shoes).

*Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed Joseph Cefai li jokkupa l-kariga ta'* Snr Human Resources Officer *mas-soċjetà intimata u jgħid, li r-rikorrenti għalkemm kien impjegat mas-soċjetà intimata però huwa kien assenjat xogħol fil-kumpannija Wasteserv u kien jiġi mmaniġġjat minn din il-kumpannija.*

*Fix-xhieda tiegħu huwa jispjega li l-kundizzjonijiet tax-xogħol tar-rikorrenti kienu skont il-Ftehim Kollettiv bejn il-UĦM-Voice of the Workers u l-kumpannija Wasteserv inkluż il-proċeduri ta' Dixxiplina.*

*Huwa jgħid ukoll, li fil-każ in kwistjoni kien aġixxa skont ir-rapporti u l-investigazzjonijiet li saru lilha mill-*management *tal-Wasteserv u mill-filmati u dikjarazzjoni tas-Sur Jeremy James Camilleri li hu impjegat tal-Wasteserv indikaw in-nuqqasijiet li wettaq ir-rikorrenti, li meta kien hemm nirien huwa kien rieqed u qam meta rċieva telefonata mis-*security *tal-*Coast <u>Guard</u> *u mar jittawwal mit-tieqa tal-kamra fejn kien stazzjonat u f'dak il-ħin għaddiet il-*fire engine *u minflok li aġixxa huwa reġa' mar bilqiegħda fejn kien u baqa' hemm sakemm ġie avviċinat mill-uffiċjal tal-Protezzjoni Ċivili. Huwa jgħid ukoll, li r-rikorrenti għamel nuqqas ieħor serju meta ma kienx liebes ilbies protettiv f'dak li jirrigwardja s-*safety shoes*.*

*Fix-xhieda tiegħu s-Sur Cefai jgħid ukoll, li peress li r-rikorrenti kien impjegat mas-soċjetà intimata nħarġu l-akkużi fil-konfront mis-soċjetà OZO Services Ltd. Però l-proċedura li ġiet adottata kienet skont il-Ftehim Kollettiv bejn il-Wasteserv u l-UĦM-Voice of the Workers u dan ma sarx bil-ksur tal-Ftehim Kolletiv għax il-klawsola tal-għażla tal-Board tad-Dixxiplina tgħid, li ċ-Chairman għandu jiġi maħtur mill-kumpannija u ż-żewġ membri l-oħra wieħed għandu jinħatar mill-*management *u l-persuna l-oħra ma hemmx speċifikat minn min għandha tiġi maħtura.*

*Mill-provi jirriżulta wkoll, li min-naħa tar-rikorrenti rrisponda għaċ-*Charge *li s-soċjetà ħarġet fil-konfront tiegħu fejn jgħid, li matul l-inċident huwa kien fil-kamra tas-*

security *u minn hemm ma kinux jidhru n-nirien anzi ma kien jidher xejn u għaldaqstant ma kienx hemm raġuni li jiġi akkużat b'*insubordination*.*

*Huwa jgħid ukoll, li normalment meta jkun hemm in-nirien u dawn ikunu jidhru mill-kamra tas-*security guard *jew jekk jiġi nfurmat mill-kollegi tiegħu li kien hemm xi nirien, huwa kien jagħmel bħalma għamel fil-passat u jċempel lit-Taqsima li tieħu ħsieb in-nirien.*

*Ir-rikorrenti jkompli jgħid rigward l-akkuża li kien rieqed, li jekk ma jkunx qed jagħmel ir-ronda huwa jkun fil-kamra bilqiegħda fuq siġġu u jista' jagħti l-każ li ġieli għalaq għajnejh imma jiċħad li kien rieqed.*

*Huwa jgħid ukoll, li l-*gates *tal-*Way Bridge *fejn ikun hu, jkunu dejjem miftuħin u tant ma kienx rieqed meta ċempillu l-kollega tiegħu biex jinfurmah li kienet ġejja l-*fire engine *huwa kien qed jistenniha fit-tieqa, iżda huma ma waqfux bħalma jagħmlu s-soltu biex jagħtihom id-direzzjoni għax huma kienu jafu ta' fejn kien hemm in-nirien u kien għalhekk li baqgħu sejrin.*

*Huwa jkompli jgħid, li aktar tard meta ġew tal-*fire engine *iħabbtulu mat-tieqa għax ma setgħux isibu lil tal-*bulldozer *u x'i*shift leader *u staqsihom jekk fittxewhomx fil-*canteen *għax forsi qegħdin* break*. Kienu qalulu li ma kinux hemm u kienu ilhom iduru siegħa u ma sabuhom imkien fl-impjant u għalhekk qalilhom li kien ser imur ifittixhom huwa u sabhom reqdin u nħasdu u qalilhom tafu li kien hemm in-nirien u qalulu li ma kinux jafu.*

*Huwa jgħid ukoll, li għalkemm kien ilu fl-impjieg erba' snin u għamel diversi talbiet biex jingħata* safety shoes *adattat għalih u dawn qatt ma ġew ipprovduti lilu.*

*Ir-rikorrenti jgħid ukoll, li ma attendiex il-Bord ta' Dixxiplina fuq direzzjoni tal-Union, għax qabel ma beda l-proċess ta' dixxiplina żviluppat tilwima bejn il-*management *tas-soċjetà intimata u l-UĦM-Voice of the Workers rigward il-kompożizzjoni tal-Bord ta' Dixxiplina.*

*Mill-provi jirriżulta wkoll, li min-naħa tal-UĦM-Voice of the Workers ilmentat mal-*management *tas-soċjetà intimata, li ħatret* Chairperson *tal-Board ta' Dixxiplina mingħajr qabel ma kien sar qbil min kien se jkun iċ-*Chairperson *tal-Board ta' Dixxiplina. Il-Union tgħid ukoll, li għal kull każ ta' dixxiplina kellu jkun hemm qbil min se jkun iċ-*Chairperson *tal-Board tad-Dixxiplina.*

*Mill-provi jirriżulta wkoll, li ż-żewġ membri tal-Board ta' Dixxiplina, wieħed kien impjegat tal-OZO Services Ltd u l-membru l-ieħor impjegat tal-Wasteserv.*

*Mill-provi jirriżulta li l-union ilmentat, li fir-rigward taż-żewġ membri tal-Board ta' Dixxiplina, wieħed minnhom kellu jinħatar mill-*management *u l-Union qatt ma ġiet ikkuntattjata biex taħtar il-persuna l-oħra fuq l-istess Board ta' Dixxiplina.*

*Dwar dan l-aspett mill-provi jirriżulta, li min-naħa tal-*management *irrisponda lill-union fejn argumenta, li ċ-*Chairperson *kien ġie appuntat fit-18 ta' Settembru, 2020 wara li kienet saret konsultazzjoni mal-union u minn dakinhar il-union qatt ma oġġezzjonat.*

*Mill-provi jirriżulta wkoll li s-soċjetà intimata infurmat lill-union, li l-ftehim kollettiv ma jispeċifikax li għal kull każ ta' dixxiplina kellu jinħatar* Chairperson *mill-ġdid u għaldaqstant sostniet, li l-ħatra saret skont il-proċedura tal-Ftehim Kollettiv u r-rikorrenti kien mistenni li jkun preżenti għal-laqgħa tal-Board ta' Dixxiplina.*

*Mill-provi jirriżulta li fis-7 ta' Lulju, 2022 l-union kitbet lis-soċjetà intimata fejn qaltilha "*ignoring the Union will not solve the issue at hand. Your company is in breach of the agreement for this reason. I am registering an industrial dispute and request DIER to intervene."

*Mill-provi jirriżulta wkoll, li s-soċjetà intimata irrispondiet lill-union fit-8 ta' Lulju, 2022, fejn infurmat lill-union li diġà kien hemm żewġ postponimenti u li l-union kienet qed tipprokrastina b'detriment għal membru tagħha. Is-soċjetà intimata tgħid ukoll "*our position still stands and the BOD (Board of Discipline) will still be held not to exceed the term prescribed by the Collective Agreement."

*Mill-provi jirriżulta li fit-8 ta' Lulju, 2022 il-union infurmat lis-soċjetà intimata biex tiġi diskussa l-proċedura u infurmat ukoll lill-*management *"*I had specifically said that in this case and in this case only the union would have no problem in extending the terms of the disciplinary procedure to discuss this but again you chose to ignore."

*Mill-provi jirriżulta wkoll, li din is-sitwazzjoni żvolġiet f'tilwima tax-xogħol fejn il-UĦM-Voice of the Workers irreferiet il-każ lid-Direttur tal-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali u mill-provi jirriżulta, li saret laqgħa ta' konċiljazzjoni* online *però ma kien hemm l-ebda konklużjoni.*

*Mill-provi jirriżulta wkoll, li l-Board ta' Dixxiplina kompla bil-proċess dixxiplinarju fil-konfront tar-rikorrenti, għalkemm ir-rikorrenti fuq direzzjoni tal-Union u r-rappreżentanti tiegħu ma attendewx għal-laqgħat tal-Bord ta' Dixxiplina.*

*It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-każ in kwistjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra r-rikorrenti jgħid, li inħolqot tilwima ta' xogħol bejn il-union u s-soċjetà intimata rigward l-allegazzjoni tal-union, li l-kompożizzjoni tal-Bord*

*ta' Dixxiplina ma kienx skont il-Ftehim Kollettiv u għaldaqstant, il-proċess ta' dixxiplina kien ivvizzjat u r-rikorrenti ma kellux smigħ xieraq.*

*Għaldaqstant, it-Tribunal Industrijali jibda biex jeżamina klawsola 49.5.3 tal-kompożizzjoni tal-Bord ta' Dixxiplina li tgħid "*The Board of Discipline shall consist of an independent Chairperson, nominated and appointed by the Company in consultation with the recognised trade union, and two (2) members one nominated by the Company."

*It-Tribunal Industrijali meta jeżamina din il-klawsola, l-ewwel aspett li jinnota huwa dwar il-ħatra ta'* Chairperson *u rigward din il-ħatra t-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma li l-union mhix korretta, li tgħid il-ħatra ta'* Chairperson *għandha ssir bi qbil magħha u dan għar-raġuni li l-klawsola hija ċara, li ċ-*chairperson *għandu jiġi nominat u appuntat mill-kumpannija wara konsultazzjoni mal-union rikonoxxuta.*

*Għaldaqstant it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li konsultazzjoni ma tfissirx qbil li imma li għandu jsir, li s-soċjetà intimata tagħżel* chairperson *u tikkonsulta mal-union biex tesprimi l-opinjoni dwar il-ħatra taċ-*Chairperson*, però l-*management *xorta jibqgħalu d-dritt li jagħżel iċ-*Chairperson*.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali meta jeżamina l-klawsola ċitata hawn fuq jinnota, li ma hemm l-ebda provvediment dwar it-terminu ta' żmien tal-persuna appuntata bħala* Chairperson *u jekk dan it-terminu tal-kariga għandu ikun għall-każijiet kollha ta' dixxiplina kif qed jgħid il-*management *jew jekk għal kull każ ta' dixxiplina għandux jiġi appuntat* Chairperson *mill-ġdid kif qed tgħid il-union.*

*Rigward dan l-aspett it-Tribunal Industrijali jinnota, li fil-qasam tar-Relazzjonijiet Industrijali jeżistu diversi Ftehim Kollettiv li għandhom provvediment fejn jindikaw jekk il-persuna appuntata bħala* Chairperson *għandux jisma' l-każijiet kollha ta' dixxiplina jew għal kull każ jinħatar* Chairperson *ġdid.*

*Għaldaqstant, f'dan il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jinnota, li l-argumenti kemm tas-soċjetà intimata kif ukoll tal-Union it-tnejn għandhom argumenti validi.*

*In vista ta' dan, għalkemm mhix kompetenza ta' dan it-Tribunal Industrijali li jiddeċiedi fuq tibdil ta' kundizzjonijiet tax-xogħol għax din hija materja li hija kompetenza li tiġi ttrattata minn Tribunal Industrijali li jittratta Tilwima tax-xogħol però dan it-Tribunal Industrijali jirrakkomanda u mhux jiddeċiedi, li sabiex ma jintilifx żmien biex tinħatar persuna bl-inkarigu ta'* Chairperson*, jiġi nominat* panel *ta' ħames persuni li jkun hemm qbil bejn il-partijiet u dan il-*panel *jista' jiġi rivedut perjodikament biex meta jkun hemm każ ta' dixxiplina jiġi appuntat mill-ewwel wieħed minn dan il-*

panel *ta' Chairpersons u jibda l-proċess tal-każ ta' dixxiplina mingħajr ebda telf ta' żmien.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra, il-provvediment l-ieħor tal-klawsola 49.5.3 tal-Board ta' Dixxiplina li jgħid "*and two (2) members one nominated by the Company."

*It-Tribunal Industrijali meta jeżamina dan l-artikolu jindika, li miż-żewġ persuni membri tal-Board ta' Dixxiplina wieħed minnhom għandu jkun maħtur mill-kumpannija.*

*It-Tribunal Industrijali meta jeżamina l-provi jirriżultalu, li fuq il-Bord ta' Dixxiplina ġew maħtura żewġ membri li huwa wieħed maħtur mill-kumpannija tal-OZO Services Ltd u l-membru l-ieħor maħtur mill-Kumpannija tal-Wasteserv Ltd.*

*It-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li peress li l-klawsola ċitata hawn fuq tgħid "*and two (2) members one nominated by the Company", *it-Tribunal Industrijali jikkonkludi dwar dan l-aspett li għandu jiġi maħtur membru wieħed biss li jkun nominat mill-kumpannija.*

*Għaldaqstant it-Tribunal Industrijali jikkonkludi, li l-kompożizzjoni tal-Bord ta' Dixxiplina kif ġie kompost mhux konformi mal-klawsola tal-Ftehim Kollettiv, għax iż-żewġ persuni ġew maħtura t-tnejn minn Kumpannija, fejn wieħed mill-membri tal-Bord ta' Dixxiplina hu impjegat tas-soċjetà intimata fejn ir-rikorrenti kien impjegat u l-persuna l-oħra tal-Bord ta' Dixxiplina hija impjegata ta' Wasteserv Ltd fejn ir-rikorrenti kien immaniġġjat.*

*It-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li skont il-klawsola tal-Ftehim Kollettiv membru wieħed biss għandu jiġi maħtur minn kumpannija u dan għandu jkun jew minn OZO Services Ltd jew minn Wasteserv Ltd.*

*It-Tribunal Industrijali meta jeżamina l-klawsola 49.5.3 huwa tal-fehma, li din hija klawsola xotta, nieqsa mill-proċeduri u tagħti lok għal interpretazzjoni differenti kif fil-fatt seħħ fil-każ in kwistjoni, li ġiet mogħtija interpretazzjoni differenti kemm mis-soċjetà intimata u mill-union u r-rikorrenti ġie maqbud f'dan id-diżgwid u tilwim industrijali li nqala' bejn il-union u s-soċjetà intimata bil-konsegwenza, li r-rikorrenti fuq direzzjoni tal-union ma setax iressaq il-każ tiegħu u jkun preżenti waqt il-proċess ta' dixxiplina biex b'mod xieraq jiddefendi l-akkużi li kienu qed isiru fil-konfront tiegħu.*

*Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-i*statements of case *tal-partijiet, sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u ppreżentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet, isib u jasal għal konklużjoni u jiddeċiedi, li r-rikorrenti ma kellux smigħ xieraq*

*b'konsegwenza li ġie miksur id-dritt fundamentali tiegħu tal-ġustizzja naturali u għaldaqstant it-terminazzjoni tal-impjieg kienet inġusta u saret bi ksur tal-liġi.*

*In vista li t-Tribunal Industrijali ddeċieda li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti saret b'mod inġust, it-Tribunal Industrijali jibda biex jeżamina u jikkunsidra t-talba tar-rikorrenti għal kumpens, fejn ippreżenta prospett finanzjarju u talab:-*

*(1) Li jiġi mogħti kumpens ta' €2,500 ta' xahar paga sakemm sab impjieg;*

*(2) U peress li fl-impjieg il-ġdid tiegħu kellu €1,000 anqas fix-xahar mill-paga li kellu mas-soċjetà intimata u kien baqalu 29 xahar sal-età tal-irtirar, huwa talab li jingħata kumpens ta' €1,000 għal kull xahar li baqalu sal-età tal-irtirar li jammonta għal €29,000.*

*Għaldaqstant, it-total tat-talba tar-rikorrenti għal kumpens tammonta għal €31,500.*

*It-Tribunal Industrijali meta jeżamina t-talba tar-rikorrenti jinnota, li fl-ewwel aspett skont il-provi r-rata fis-siegħa tal-paga tar-rikorrenti mas-soċjetà intimata kienet ta' €7.4939133* [recte!] *fis-siegħa.*

*Għaldaqstant it-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li l-paga tar-rikorrenti mas-soċjetà intimata ma kinitx ta' €2,500 fix-xahar, iżda kienet ferm anqas u għalhekk huwa qed jippretendi li jkun intitolat għal* overtime *u* allowances *li fil-fehma tat-Tribunal Industrijali r-rikorrenti m'għandux ikun intitolat għalihom, peress li ma jistax ikun intitolat għal kumpens li għal diversi raġunijiet jista' ma jkunx f'qagħda li jaħdimhom.*

*Rigward it-tieni aspett, fejn ir-rikorrenti qed jitlob li jiġi mogħti kumpens sal-età tal-irtirar, dan it-Tribunal Industrijali meta jeżamina l-provi ma jirriżultalux li kien hemm obbligi kuntrattwali li r-relazzjoni tax-xogħol bejn il-partijiet kienet garantita li r-rikorrenti kien se jibqa' fl-impjieg mas-soċjetà intimata sal-età tal-irtirar. Għaldaqstant, it-Tribunal Industrijali ma jilqax it-talba tar-rikorrenti li jkun ikkumpensat sal-età tal-irtirar.*

*Wara li t-Tribunal Industrijali għamel l-osservazzjonijiet tiegħu fuq it-talba li qed jagħmel ir-rikorrenti għal kumpens, dan it-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti tal-każ in kwistjoni biex jasal għal konklużjoni u jiddeċiedi l-kumpens li għandu jkun intitolat għalih ir-rikorrenti.*

*In vista ta' dan it-Tribunal Industrijali jinnota, li r-rikorrenti kien ġie sospiż b'nofs paga mis-16 ta' Ġunju, 2022 u l-impjieg tiegħu ġie terminat fit-23 ta' Lulju, 2022.*

*It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li kif jgħid ir-rikorrenti dam mingħajr impjieg għal xahar u hawn it-Tribunal Industrijali jinnota li ż-żmien li r-rikorrenti kien mingħajr impjieg għal żmien ta' xahar huwa żmien raġonevoli.*

*It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li r-rikorrenti kien ilu fl-impjieg għal aktar minn erba' snin u kif ukoll li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti saret b'mod inġust u bi ksur tal-Liġi.*

*Għaldaqstant, meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra dawn l-aspetti tal-każ imsemmija hawn fuq jasal għall-konklużjoni u jiddeċiedi, li r-rikorrenti għandu jingħata kumpens ta' €8,250 (tmint elef, mitejn u ħamsin euro) liema kumpens għandu jiġi mħallas minn OZO Services Ltd (C-94420) fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data ta' din id-deċiżjoni."*

## L-Appell

7. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fit-3 ta' Ġunju, 2024, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

*"... tħassar, tirrevoka u tikkanċella d-Deċiżjoni filwaqt li tilqa' dan l-appell u l-aggravji hawn imressqa, b'dan illi tikkonferma li d-deċiżjoni li wasslet għat-terminazzjoni tal-impjieg kienet waħda ġusta u skont il-liġi."*

8. L-appellanta tibbaża r-rikors tal-appell tagħha fuq tliet aggravji ewlenin: (i) li d-deċiżjoni mhijiex ben motivata, għaliex m'hemmx ness bejn il-konsiderazzjonijiet u d-*decide*; (ii) li l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal huma żbaljati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt; (iii) li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija *extra petita* għaliex teżorbita l-kompetenza tal-istess Tribunal.

9. L-appellat wieġeb għal dan ir-rikors tal-appell billi qal li l-aggravji tal-appellanta huma għal kollox infondati u mhux ġustifikati, u għalhekk għandhom jiġu miċħuda.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. L-appellanta spjegat li l-appellat kien wieħed fost diversi impjegati tagħha li kienu stazzjonati ġewwa l-faċilitajiet ta' Wasteserv Malta Limited (C 30560), li ġew trasferiti magħha in segwitu għall-kuntratt iffirmat fl-1 ta' Jannar, 2020, wara li saret proċedura skont ir-regolamenti dwar l-akkwist pubbliku. Is-soċjetà appellanta spjegat li l-kundizzjonijiet tal-impjieg ta' dawn l-impjegati huma regolati permezz ta' ftehim kollettiv iffirmat bejn Wasteserv Malta Limited u l-UĦM, liema kundizzjonijiet ta' impjieg hija rrikonoxxiet. Qalet li l-istess ftehim kollettiv jirregola wkoll il-proċeduri dixxiplinarji li għandhom jiġu segwiti fil-konfront tal-ħaddiema stazzjonati fil-faċilitajiet ta' Wasteserv. L-appellanta qalet li minkejja li l-appellat huwa impjegat tagħha, u minkejja li l-ftehim kollettiv teknikament ma japplikax għall-impjegati tagħha, ladarba l-appellat jinsab stazzjonat f'faċilità ta' Wasteserv, hija dejjem applikat fil-konfront ta' ħaddiema bħalu l-proċeduri kif regolati fl-imsemmi ftehim kollettiv. L-appellanta qalet li l-kwistjoni odjerna tikkonċerna t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat permezz ta' proċeduri dixxiplinarji li ttieħdu fil-konfront tiegħu billi ġie akkużat b'insubordinazzjoni maġġuri, irqad fuq il-lant tax-xogħol, u nuqqas ta' ilbies ta' tagħmir tas-sigurtà. Spjegat li wara li ttieħdu passi quddiem il-bord tad-dixxiplina *ai termini* tal-ftehim kollettiv, ġie rakkomandat li l-impjieg tal-appellat jiġi tterminat. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellat appella permezz tal-union li tirrappreżentah, u minflok indirizza l-akkużi li saru fil-konfront tiegħu quddiem il-bord tad-dixxiplina, ikkontesta l-kompożizzjoni tal-istess bord, u iddeċieda arbitrarjament li ma jattendix għas-seduti li saru. Qalet li l-kompożizzjoni tal-bord kienet waħda konsistenti f'diversi proċeduri dixxiplinarji fil-konfront ta' impjegati oħra, fejn il-UĦM saħansitra kienet qablet mal-

kompożizzjoni tal-istess bord. L-appellanta qalet li minkejja li l-appellat kellu kull opportunità li jappella mid-deċiżjoni tal-bord, huwa ma għamilx użu minn dan id-dritt, u hija tterminatlu l-impjieg b'effett mit-23 ta' Lulju, 2022.

*L-Ewwel Aggravju:* *[Id-deċiżjoni mhijiex motivata u m'hemm ebda ness bejn il-konsiderazzjonijiet u d-*decide*]*

11. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal iddeċieda illi l-appellat ma ngħatax smigħ xieraq, bil-konsegwenza li ġew miksura d-drittijiet fundamentali tiegħu ta' ġustizzja naturali, u għalhekk it-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu kienet waħda inġusta u li saret bi ksur tal-Liġi. Is-soċjetà appellanta tgħid li apparti li ma saret l-ebda talba sabiex jiġi dikjarat li kien hemm xi allegat ksur tad-drittijiet fundamentali, it-Tribunal iddeċieda li t-terminazzjoni tal-impjieg kienet inġusta abbażi ta' konsiderazzjonijiet esterni u mhux konnessi mal-aġir tal-appellat li wassal għall-istess terminazzjoni. Is-soċjetà appellanta qalet li fi proċeduri dwar terminazzjoni inġusta, huwa meħtieġ li jiġi determinat x'kienet ir-raġuni għalfejn l-impjieg ġie tterminat, liema prova għandha ssir mill-prinċipal; jekk il-prinċipal kienx raġonevoli fid-deċiżjoni li ħa sabiex jittermina l-impjieg, jiġifieri, jekk il-prinċipal kienx raġonevoli li jittratta r-raġuni bħala waħda xierqa sabiex jittermina l-impjieg; u jekk il-prinċipal kienx raġonevoli li fiċ-ċirkostanzi jkeċċi lill-impjegat. Is-soċjetà appellanta qalet li mhuwiex ikkontestat li bħala prinċipal hija ppruvat ir-raġuni li wasslet għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat, għaliex huwa ma wettaqx id-dmirijiet tiegħu *ai termini* tal-kuntratt tal-impjieg tiegħu stante li *inter alia* nstab rieqed fuq il-post tax-xogħol waqt li kien hemm nirien fl-impjant tal-Wasteserv. Is-soċjetà appellanta qalet li għandu jirriżulta wkoll b'mod

inekwivoku li hija kienet raġonevoli fil-mod kif itterminat l-impjieg tal-appellat, meta wieħed iqis il-gravità tal-aġir tiegħu, u l-fatt li t-Tribunal naqas għal kollox milli jgħarbel jekk id-deċiżjoni tagħha kinitx taqa' jew le fil-parametri tar-raġonevolezza. Qalet li minflok it-Tribunal ibbaża l-konklużjoni tiegħu fuq konsiderazzjonijiet li mhumiex relatati mas-suespost. Is-soċjetà appellanta qalet li d-deċiżjoni dwar ir-raġonevolezza o meno tas-sanzjoni meħuda mill-prinċipal, trid tiġi determinata abbażi tal-imġiba li wasslet għal din is-sanzjoni, u t-Tribunal naqas għal kollox milli jagħmel dawn il-konsiderazzjonijiet. Qalet li minflok, it-Tribunal għażel li jinterpreta l-ftehim kollettiv, u ddeċieda jekk il-proċess dixxiplinarju kisirx id-drittijiet ta' ġustizzja naturali tal-appellat jew le. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk it-Tribunal naqas milli jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu fir-rigward tat-terminazzjoni allegatament inġusta tal-impjieg, in kwantu l-istess konsiderazzjonijiet jitkellmu biss dwar il-proċess dixxiplinarju, u jonqsu milli imqar jirreferu għall-aġir li wassal għall-istess proċess dixxiplinarju.

12. L-appellat laqa' għal dan l-aggravju billi qal li minn eżami akkurat tad-deċiżjoni appellata, għandu jirriżulta li t-Tribunal ta l-motivazzjonijiet tiegħu għad-deċiżjoni appellata, u d-*decide* jsegwi direttament il-parametri tal-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal. Żied jgħid li l-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-bord tad-dixxiplina, wassluh għall-konklużjoni li bl-operat tal-bord kif kompost, l-appellat ma kellux smigħ xieraq, bil-konsegwenza naturali li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu kienet inġusta. L-appellat qal li fil-kamp industrijali u tal-impjiegi, huwa magħruf illi meta jirriżulta li l-proċess dixxiplinarju ma jkunx wieħed ġust u ma jkunx jaderixxi mal-ftehim kollettiv applikabbli, it-Tribunal lanqas biss ikollu bżonn li jevalwa jekk fil-mertu d-deċiżjoni ta' tkeċċija kinitx ġusta jew le, għaliex il-

proċess dixxiplinarju li jkun sar ikun wieħed ivvizzjat *a priori.* L-appellat qal li it-Tribunal iddeċieda li l-bord tad-dixxiplina ma kienx kostitwit skont il-ftehim kollettiv, u konsegwentement is-soċjetà appellanta ma mxietx skont il-proċedura korretta sabiex tiddixxiplina lill-appellat. Qal li għalhekk t-Tribunal kien korrett meta ddeċieda li ma jidħolx fil-mertu tal-kwistjoni, u dan għaliex il-proċess tad-dixxiplina ma kellux is-salvagwardji meħtieġa skont il-ftehim kollettiv.

13. Il-Qorti tirrileva li minn qari tad-deċiżjoni appellata, għandu jirriżulta li mhuwiex ġustifikat l-aggravju tas-soċjetà appellanta fejn tgħid li d-deċiżjoni tat-Tribunal mhijiex immotivata tajjeb. Dan għaliex it-Tribunal eżamina l-kontenut tal-ftehim kollettiv, ra l-klawsoli tiegħu li jirregolaw il-kompożizzjoni tal-bord tad-dixxiplina f'każijiet fejn ikun meħtieġ li jinbdew proċeduri dixxiplinarji fil-konfront ta' xi impjegat, u wara li għarbel sew dawn il-klawsoli, ikkonkluda li il-bord ma kienx kompost skont il-ftehim kollettiv. It-Tribunal qies ukoll li l-imsemmija klawsola li tirregola l-kompożizzjoni tal-bord tad-dixxiplina, mhijiex dettaljata biżżejjed, u tagħti lok għal dubji u spekulazzjoni dwar kif għandu jitmexxa l-proċess dixxiplinarju. It-Tribunal irrimarka li l-klawsola li tirregola l-kompożizzjoni tal-bord, tgħid kif għandha ssir il-ħatra taċ-Chairperson tal-bord, u tgħid ukoll li wieħed minn żewġ membri tal-bord għandu jiġi maħtur minn Wasteserv. L-imsemmi ftehim ma jirregolax kif għandu jiġi maħtur il-membru l-ieħor, imma fil-każ odjern il-membru l-ieħor ġie maħtur mis-soċjetà appellanta nnifisha, jiġifieri mill-kumpannija li magħha kien jaħdem l-appellat. It-Tribunal qies li dan l-arranġament kien jistultifika l-iskop tal-klawsola li tirregola l-kompożizzjoni tal-bord tad-dixxiplina, u dan għaliex l-iskop wara din il-klawsola ma kienx li ż-żewġ membri tal-bord ikunu maħtura wieħed mill-kumpannija li

tħaddem lill-impjegat li qiegħed jiġi ddixxiplinat, u l-ieħor mill-kumpannija li timmaniġġja lill-istess impjegat, imma li t-tieni membru tal-bord ikun indipendenti. Il-Qorti ttendi li taqbel mal-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal f'dan ir-rigward. Huwa minnu li ċ-*Chairperson* tal-bord, kif ikkonkluda t-Tribunal, seta' jintgħażel mill-kumpannija b'konsultazzjoni mal-union li tirrappreżenta lill-impjegati, iżda dan ma jfissirx li l-kompożizzjoni tal-Bord fil-każ odjern kienet waħda li tirrispetta l-ispirtu tal-ftehim kollettiv jew l-imparzjalità mixtieqa f'ċirkostanzi simili, hekk kif l-appellat ġie ddixxiplinat minn bord kompost minn tliet membri li b'xi mod jew ieħor huma magħżula jew konnessi mal-kumpannija li kien ingaġġat jew immaniġġjat minnha l-appellat, u kemm Wasteserv u kif ukoll is-soċjetà appellanta t-tnejn li huma kellhom persuna maħtura minnhom fuq il-bord tad-dixxiplina. It-Tribunal qies li dan l-arranġament kien qiegħed iċaħħad lill-appellat mid-dritt għal smigħ xieraq, u għalhekk proċeduralment il-proċess dixxiplinarju li nbeda fil-konfront tiegħu kien wieħed ivvizzjat. Hawnhekk għandu raġun l-appellat jikkontendi li f'dawn iċ-ċirkostanzi, it-Tribunal ma kellux għalfejn jidħol fil-mertu tal-każ, għaliex ladarba dan stabbilixxa li l-proċedura kienet waħda ivvizzjata, dan kien ifisser li kwalsiasi eżitu ta' dak il-proċess kien ivvizzjat, u għalhekk null. Għaldaqstant in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *[Il-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal huma żbaljati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt]*

14. Is-soċjetà appellanta saħqet li anki l-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal sabiex iddeċieda li l-appellat ma ngħatax smigħ xieraq u li ġew miksura

d-drittijiet ta' ġustizzja naturali tiegħu, huma fattwalment u legalment żbaljati. Qalet li tali konsiderazzjonijiet huma bbażati limitatament fuq l-interpretazzjoni tal-klawsola 49.5.3 tal-ftehim kollettiv, u l-kontestazzjoni tal-UĦM fir-rigward kienet dwar il-ħatra ta' Chairperson, u sostniet li l-ħatra ta' Chairperson kellha ssir bi qbil magħha. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal ikkonferma li l-UĦM ma kinitx korretta, u dan għaliex il-klawsola msemmija tistipula biss li ċ-Chairperson għandu jiġi maħtur mill-kumpannija wara konsultazzjoni mal-union rikonoxxuta. Qalet li t-Tribunal qal ukoll li konsultazzjoni ma tfissirx qbil, u ladarba t-Tribunal innifsu wasal għall-konklużjoni li l-UĦM ma kellhiex raġun, ma tistax tifhem fuq liema bażi t-Tribunal ikkonkluda fl-istess ħin li l-appellat ma kellux smigħ xieraq quddiem il-bord tad-dixxiplina. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal b'mod skorrett ikkummenta wkoll li l-kumpannija kellha taħtar membru wieħed biss, u l-kompożizzjoni tal-bord tad-dixxiplina ma kinitx konformi mal-ftehim kollettiv ladarba ġew maħtura żewġ persuni mill-kumpannija. L-appellanta qalet li l-kelma *'company'* fil-ftehim kollettiv tirreferi għas-soċjetà Wasteserv u mhux għaliha, għaliex il-ftehim kollettiv intlaħaq bejn is-soċjetà Wasteserv u l-union. Is-soċjetà appellanta qalet li l-ftehim kollettiv ma jgħidx li membru wieħed biss għand jiġi maħtur mill-kumpannija, iżda li membru minnhom għandu jkun maħtur mill-kumpannija (il-Wasteserv), u ladarba l-ftehim kollettiv ma jindikax minn min għandu jkun maħtur il-membru l-ieħor, it-Tribunal kien żbaljat meta kkonkluda li l-kompożizzjoni tal-bord ma kinitx konformi mal-ftehim kollettiv, meta s-soċjetà appellanta ħatret dan il-membru hi. Qalet li għalhekk it-Tribunal kien żbaljat fil-konsiderazzjonijiet tiegħu.

15. L-appellat qal li m'hemmx dubju li l-ftehim kollettiv applikabbli huwa dak iffirmat bejn il-Wasteserv u l-UĦM fl-4 ta' April, 2019, li fi klawsola 49.5.3 tiegħu

jistipula kif għandu jkun kompost il-bord tad-dixxiplina. L-appellat qal li r-raġunament espress mis-soċjetà appellanta fit-tieni aggravju tagħha m'għandux mis-sewwa, u t-Tribunal kien korrett kemm fattwalment u kemm legalment meta kkonkluda li l-bord tad-dixxiplina ma kienx kompost skont il-ftehim kollettiv. L-appellat qal li fuq il-bord kien hemm żewġ membri, wieħed maħtur mill-Wasteserv, u l-ieħor maħtur mis-soċjetà appellanta, u għalhekk fuq il-Bord kien hemm Chairperson nominat minn Wasteserv b'konsultazzjoni mal-UĦM, membru maħtur minn Wasteserv, u membru ieħor matħur mis-soċjetà appellanta. Qal iżda li minn qari tal-ftehim kollettiv għandu jirriżulta b'mod ċar li t-tielet membru kellu jkun maħtur mill-UĦM, għaliex huwa impliċitu li ladarba wieħed mill-membri biss kellu jkun maħtur mill-kumpannija, isegwi naturalment li l-membru l-ieħor kellu jkun maħtur mill-union rikonoxxuta. L-appellat qal li l-fatt li ma kien hemm l-ebda membru maħtur mill-union, wassal għal sitwazzjoni fejn il-bord ma kienx wieħed imparzjali għaliex ma kienx kompost skont il-ftehim kollettiv in kwistjoni.

16. Din il-Qorti diġà għamlet l-osservazzjonijiet tagħha dwar dan l-aggravju. Huwa ċar li l-ispirtu tal-ftehim kollettiv kien li jkun hemm *parity of arms* għall-firmatarji tal-ftehim, u li kemm il-kumpannija Wasteserv u l-union li tirrappreżenta lill-ħaddiema, jkollhom rappreżentanza ugwali fi kwalsiasi bord tad-dixxiplina li jiġi kompost. It-Tribunal ikkonkluda li ċ-Chairperson seta' jintgħażel mill-kumpannija wara konsultazzjoni mal-union, anki jekk ikkonkluda li mhuwiex ċar għal kemm żmien jinħatar Chairperson, filwaqt li qies li l-kumpannija Wasteserv għandha tinnomina wieħed minn żewġ membri fuq l-istess bord. Il-ftehim kollettiv imkien ma jirregola kif għandu jinħatar it-tielet membru, iżda huwa ċar li t-tielet membru ma kellux jintgħażel minn kumpannija

oħra li tirrappreżenta lil min iħaddem, iżda minn rappreżentant tal-ħaddiema, jiġifieri mill-*union* jew almenu bi qbil mal-*union.* F'dan il-każ it-tielet membru ntgħażel mis-soċjetà appellanta nnifisha, li hija l-kumpannija li magħha l-appellat kien impjegat waqt li kien jaqdi l-inkarigu tiegħu fl-impjant tal-Wasteserv. Il-fatt li t-Tribunal qal li l-union ma kinitx korretta fl-interpretazzjoni tagħha tal-mod kif għandu jintgħażel iċ-*Chairperson,* ma jfissirx li t-Tribunal kien żbaljat meta eventwalment ikkonkluda li l-appellat ma ngħatax smigħ xieraq minħabba l-mod kif il-bord kien kompost. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li lanqas dan l-aggravju m'huwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-Tielet Aggravju:* *[Id-deċiżjoni hija* extra petita – *teżorbita l-kompetenza tat-Tribunal]*

17. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija *extra petita* u teżorbita l-kompetenza tal-istess Tribunal. Spjegat li ma kienx hemm talba min-naħa tal-appellat sabiex it-Tribunal jiddikjara u jiddeċiedi li kien hemm ksur tad-dritt fundamentali tal-ġustizzja naturali tal-appellat, u fil-fatt it-talbiet tal-appellat f'dan is-sens kienu limitati. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għall-artikolu 790 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għall-artikolu 77(1) tal-Kap. 452, li jagħti lit-Tribunal is-setgħat kollha li bil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huma mogħtija lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla. Qalet li għalhekk, fil-fehma tagħha, it-Tribunal mar lil hinn mit-talbiet li kien marbut bihom, u aġixxa *extra petita* għaliex ma kellux ikun hu li jevalwa jekk il-proċeduri dixxiplinarji kisrux xi dritt fundamentali ta' ġustizzja naturali tal-appellat. Fl-aħħar nett is-soċjetà appellanta qalet li hija biss il-Qorti Kostituzzjonali li tista' teżamina jew

tgħarbel kwistjonijiet relatati ma' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

18. B'riferiment għal dan l-aggravju, l-appellat qal li t-talba tiegħu lit-Tribunal kienet sabiex dan jiddeċiedi jekik t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kinitx waħda inġusta. Qal li dan huwa dak li ddeċieda t-Tribunal, in kwantu wara li għamel il-konsiderazzjonijiet tiegħu, dan iddeċieda illi t-terminazzjoni tal-appellat mill-impjieg kienet inġusta u bi ksur tal-liġi. L-appellat qal li dan it-tielet aggravju huwa riformulazzjoni tal-ewwel aggravju, għaliex jidher li s-soċjetà appellanta mhijiex sodisfatta bil-fatt li t-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq in-non-osservanza tal-ftehim kollettiv u fuq il-fatt li l-proċedura ma kinitx waħda regolari. L-appellat saħaq li sabiex it-Tribunal jiddeċiedi jekk tkeċċija kinitx ġusta u skont il-liġi jew le, it-Tribunal kellu jikkunsidra jekk il-proċess kienx wieħed regolari jew le. Qal li dan sabiex l-impjegat ikun jista' jingħata l-opportunità li jagħti l-verżjoni tiegħu bis-salvagwardji neċessarji, u sabiex l-impjegat jingħata smigħ xieraq, għaliex inkella l-proċess dixxiplinarju jkun wieħed finta. It-Tribunal irriżultalu li l-proċess ma kienx wieħed regolari, u kien għalhekk li dan iddeċieda li t-tkeċċija tal-appellat kienet waħda inġusta. Għalhekk ma jistax jiġi argumentat li d-deċiżjoni appellata hija waħda *extra petita* jew li b'xi mod teżorbita l-kompetenza tat-Tribunal. Fl-aħħar nett l-appellat qal li ngħata kumpens li mit-Tribunal minħabba tkeċċija inġusta, u mhux bħala forma ta' kumpens minħabba leżjoni tad-drittijiet fundamentali, u għalhekk għandu jirriżulta li t-Tribunal mexa b'mod korrett, u ma ħa l-ebda deċiżjoni li teżorbita l-kompetenza tiegħu.

19. Il-Qorti tirrileva li l-appellat resaq quddiem it-Tribunal wara li ħassu aggravat bil-mod kif ġie mkeċċi mill-impjieg li kellu mas-soċjetà appellanta. It-Tribunal ikkunsidra l-fatti tal-każ, partikolarment fir-rigward tal-proċess dixxiplinarju li sar qabel ma finalment ittieħdet id-deċiżjoni li l-appellat kellu jiġi mkeċċi mill-impjieg tiegħu, u wasal għall-konklużjoni li proċeduralment kien hemm numru ta' nuqqasijiet partikolarment fil-mod kif kien kompost il-bord tad-dixxiplina li sema' l-provi u evalwa l-mertu tal-każ. It-Tribunal dehrlu, u din il-Qorti taqbel ma' dan, li ladarba kien hemm ċerti nuqqasijiet fil-kompożizzjoni tal-bord tad-dixxiplina, il-proċess dixxiplinarju kien wieħed ivvizzjat kollu kemm hu, għaliex ċaħħad lill-appellat mill-possibilità li jingħata smigħ minn bord indipendenti jew minn bord kompost b'mod li jagħti jeddijiet ugwali lill-ħaddiem u lil min iħaddem. It-Tribunal kien mitlub jevalwa l-proċess li wassal għat-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg, u fl-evalwazzjoni tiegħu dan sab li kien hemm difett proċedurali li rrenda l-proċess wieħed ivvizzjat, u li ma jagħtix garanzija ta' smigħ xieraq lill-impjegat. Għaldaqstant la jista' jingħad li t-Tribunal eżorbita l-kompetenza tiegħu, u lanqas ma jista' jingħad li d-deċiżjoni tat-Tribunal kienet *extra petita,* għaliex fil-fehma ta' din il-Qorti dan kien il-mod kif it-Tribunal iddetermina t-talba li kellu quddiemu sabiex jiddeċiedi jekk it-tkeċċija tal-appellat kinitx waħda ġusta jew le. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu wkoll.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi dan l-appell billi filwaqt li tiċħad l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta, tikkonferma d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tal-21 ta' Mejju, 2024, fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**